MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Numru 300/2003

**Il-Pulizija
(Spt David Saliba)
vs**

**Charlot Calleja
Emanuel Bianchi**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Charlot Calleja** ta’ 21 sena, bin Emanuel u Margaret *nee’* Grima, mwieled Pieta’ nhar il-31 ta’ Marzu 1982, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 192782(M), residenti f’ 19, Point Street, Senglea.

**Emanuel Bianchi** ta’ 20 sena, bin Alfred u Anna *nee’* Hayman, mwieled Pieta’ nhar il-31 ta’ Mejju 1983, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 287983(M), residenti

f’ Flat 5, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Isla, akkuzati bil-mod segwenti:

Talli fit-3 t’April, 2003, ghall-habta tal-10.00pm fl’Isla ikkomettew serq ta’ diversi ogetti fosthom TV tal-kulur, vazuni antiki u appart eletroniku iehor, li huma stmati li jiswew aktar minn Lm1,000 ghad-dannu ta’ Stefan Rokoss liema serq huwa kkwalifikat bill-mezz, valur u hin.

Talli f’dawn l-ahhar jiem u qabel l-4 t’April, 2003 f’Malta xjentement laqghaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkunu indahhlu biex jbieghhom jew imexxihom.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-12 ta’ Awissu li permezz tieghu baghat lill-imputati sabiex ikunu ggudikati minn din il-Qorti ghal dak li hemm mahsub fl-istess nota ta’ rinviju;

Rat illi l-imputati ma oggezzjonawx ghat-trattazzjoni tal-kaz taghhom bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputati, liema ammissjoni kienet registrata wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f’liema ammissjoni saret ukoll rizerva ghall-aggravju tal-valur u b’hekk kien ikkontestat l-istess aggravju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi l-imputati ammettew l-akkuzi kwantu jirreferu ghal-serq aggravt bilmezz u l-hin mill-proprjeta’ ta’ Dr. Stefan Rokoss kif ukoll illi laqghu ghandhom l-istess oggetti misruqa izda kkontestaw il-valur tal-oggetti billi

ddikjaraw illi dawn ma kienux jiswew aktar minn elf lira maltin;

Illi l-Qorti kienet innominat perit espert sabiex jaghmel stima tal-oggetti misruqa li kienu jinkludu xi oggetti antiki. Il-perit espert kien ghamel stima tal-oggetti fil-valur ta' Lm1,115. Il-Qorti ezaminat r-rapport peritali u ma hemm xejn fih li ma taqbilx mieghu. Inoltre, l-imputati ma ressqu l-ebda prova in sostenn tal-kontestazzjoni taghhom u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni ghaliex ma ghandhix taccetta l-valuri tal-oggetti kif moghtija mill-istess espert.

Il-Qorti, ghalhekk qed issib lill-imputat hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom;

Wara li rat l-artikoli 261 (b), (c) u (f), 263 sa 267, 270, 278 sa 281, 334 tal-Kap 9;

Wara li rat illi qabel il-kommissjoni ta' dawn ir-rejati, Charlo Calleja kien igawdi fedina penali nadifa u Emanuel Bianchi kellu registrat fuq il-fedina penali tieghu kontravvenzjoni; Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni taghhom; Tenut kont ukoll tal-gravita tal-kaz konsis tenti fil-fatt illi l-imputati ghad lanqas ghahom 22 sena u kienu gia bieghu uhud mill-oggetti minnhom misruqa , titratta mal-imputati misjuba hatja billi tikkundannhom ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn mil-lum liema perjodu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkomettu rejat iheor punibbli bi prigunerija fi zmien erba (4) snin mil-lum skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9;

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533, tobblighom ihallsu l-ispejjez inkorzi fil-hatra tal-perit espert li jammontaw ghall-Lm49.91 u dan billi jhallsu Lm24.95 kull wiehed lir-Registratur tal-Qrati u dan fi zmien gimgha mil-lum;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------